L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 27 ta' Gunju, 2003

**Ta' l-*FOI* boloh!**

Ta' l-*FOI* boloh! U ma jafu xejn! Fil-verità, hu biss jekk joghlew il-pagi tal-haddiema taghna li nkunu nistghu nibbenefikaw minn din is-shubija shiha li ghogobna noholmu biha u mhux bil-kontra! Pagi oghla jattiraw iktar investiment barrani! Li tghid li l-pagi f'Malta jridu jitrazznu biex eventwalment jitnaqqsu, qieghed tirrifjuta l-beneficcji li toffrielna l-Unjoni fil-qasam tal-kummerc ma' pajjizi ohra. Qieghed tpoggi lil Malta fl-aghar post li jista' jkollha biex tattira investiment barrani meta mqabbla mhux biss ma' pajjizi li huma membri fl-Unjoni u dawk applikanti bhalna, imma wkoll meta tqabbilna ma' pajjizi tat-tielet dinja u ta' l-Afrika ta' Fuq.

Sa fejn naf jien, inghaqadna mas-suq Ewropew fit-Trattat li ghamilna ma' l-Unjoni biex insiru parti minnu, u mhux biex fil-prattika nkunu qeghdin neskludu ruhna minnu!

Qabel xejn, qabel ma nibda naghti r-ragunijiet li jwasslu ghal din l-asserzjoni li pagi oghla jfissru investiment ikbar barrani f'Malta bhala Membru fl-Unjoni, nixtieq nghid lil min ma jridx ihaddem rasu hu u jaqra dan l-artiklu, biex jista' ma jkomplix jaqrah. Mhux suggett li tista' tifhmu fuq kikkra kafé. Hu ghalhekk li konvinta li anki ta' l-*FOI* ma jifhmux fih. Naf ukoll li l-ebda esportatur f'Malta u l-hafna kumpaniji li kkuntattjajt ma jifhmux fis-suggett. Hi deficjenza fl-istrategija ekonomika ta' pajjizna li hadd ma jifhem fis-suggett li se niddiskuti llum!

Lil dawk li bihsiebhom ikomplu jaqraw l-artiklu, nghidilhom li t-tezi li biha jien ksibt il-"*Magister Juris*" fil-Ligi Ewropea, kien jisimha "*The Concept of Cumulation of Origin in the Context of a Free Trade Agreement with the European Union.*" Suggett tekniku ghall-ahhar li jitkellem fuq kif wiehed jistabbilixxi l-origini tal-prodotti u permezz t'hekk jibbenefika minn trattati ta' kummerc li pajjiz ikollu f'relazzjoni ma' pajjizi ohra. B'tim ta' esperti f'dan il-qasam, pajjiz ikun jista' jattiva investiment barrani lejh jew inkella kumpanija tkun tista' timmanipula fejn taghmel partijiet mill-process ta' produzzjoni tal-prodott partikulari biex bl-inqas prezz, xorta wahda tikseb beneficcji biex tippenetra s-suq li hi nteressata fih.

Nista' nghid li kemm min-naha tal-Gvern Malti kif ukoll min-naha tal-kumpaniji Maltin jezisti ghazz kbir f'dan il-qasam. Bhala parti mit-tezi tieghi ghamilt kwestjornarju li tqassam lill-kumpaniji kollha Maltin. Ir-rispons kien zero. Fl-ahhar, b'disperazzjoni kelli ncempel jew nitkellem ma' xi kumpaniji biex nipprova ngeghilhom jirrispondu u nimlilhom il-kwestjonarju jien jew nghinhom jimlewh. Hafna mir-risposti xorta wahda kienu "ma nafx". Apparti li l-kliem "*rules of origin*" ("regoli ta' l-origini") u "*cumulation of origin*" ("kumulazzjoni ta' l-origini") kienu qishom xi isem ta' xi platt li tordnah bla ma tkun taf x'fih!

Is-suspett tieghi hu, li, ghalkemm fil-prattika l-kumpaniji Maltin ikollhom idea ta' liema beneficcji jistghu jiehdu jekk jimpurtaw il-materja prima minn pajjiz u mhux minn iehor jew jesportaw lejh, allura m'humiex totalment fil-ghama, zgur li m'ghandhomx l-gharfien biex iqabblu xjentifikament u jaghmlu ghazla tajba bejn il-possibiltajiet kollha li jezistu.

Facilità bhal din kieku tista' tghin hafna produtturi halli jimmassimizzaw il-profitti.

L-UE hi, l-ewwel u qabel kollox, blokk ekonomiku. Fost il-beneficcji li shubija shiha suppost taghti hu l-kummerc heiles, cioè – prodotti gejjin mill-pajjizi kollha membri jistghu jinbieghu liberament f'pajjizna bla dazji. Fil-kaz ta' l-"origini tal-prodotti" bejn il-pajjizi membri ta' l-UE tezisti l-facilità ta' "kumulazzjoni shiha" li tfisser li l-pajjizi membri bejniethom jistghu juzaw liberament materja prima li torigina f'xi pajjizi ohra membri, u jghodduha ghall-fini tal-kisba ta' l-"origini tal-prodott" fil-pajjiz

taghhom. Il-fatt li prodott jikseb it-tikketta "*Made in Malta*" fil-gejjieni se jfisser li l-investitur barrani se jkun kiseb origini Ewropea ghall-prodott. Ghalhekk il-fatt li ahna bhala pajjiz insiru membri shah teoretikament ghandu jaghtina l-istess vantaggi li jgawdu fuq suq internazzjonali pajjizi membri tal-UE.

Jezistu mbaghad diversi blokki ta' pajjizi li jikkompetu ma' shubija shiha f'dan il-qasam. Membru shih tal-UE jrid jikkompeti ma' pajjizi tat-Tielet Dinja (li m'ghandhomx relazzjonijiet bilaterali f'dan il-qasam mal-UE, u li huma maghrufin bhala "*low cost countries*" jigifieri "pajjizi rhas"); dawk ta' l-*EFTA* (Svizzera u forsi xi pajjizi ohra li ghandhom trattati simili); il-*EEA* ("*European Economic Area*"), l-*ACP* ("*African, Carribean and Pacific Ocean Countries*"); *OCT* ("*Overseas countries and territories*"); il-"*Mashrak Countries*" (l-Egittu, Izrael, Gordan, ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaza); *CEEC* ("*Central European and Eastern Countries*" li, illum jikkonsistu mir-Rumanija u l-Bulgarija); u l-pajjizi kollha tal-Lvant ta' l-Ewropa li huma applikanti ghal Shubia Shiha u, li, eventwalment se jkunu membri wkoll. Dawn kollha nistghu nqeghduhom ma' pajjizi li joffru prezz irhas ta' produzzjoni. Mill-banda l-ohra ghandna il-"*high cost countries*" li huma l-pajjizi li jirrikjedu prezz gholi ta' produzzjoni li ewlenin fosthom huma, il-pajjizi digà membri ta' l-Unjoni.

Kumpaniji serji li huma nteressati jisfruttaw il-beneficcji tar-"regoli ta' l-origini" biex jiksbu profitti oghla u l-origini tal-blokk ekonomiku, li huma nteressati fih minghajr iz-zieda ta' tariffi u dwana biex jittrasportaw il-prodott taghhom, jaghmlu analizi ta' fejn ghandhom jaghmlu l-maggoranza tal-produzzjoni taghhom u ultimament, bil-manipulazzjoni tar-"regoli ta' l-origini", meta l-produzzjoni tkun saret f'iktar minn pajjiz wiehed, jiksbu l-origini tal-pajjiz li l-iktar jaghtihom beneficcji fis-suq li ghandhom l-intenzjoni jbighu l-prodott fih.

B'relazzjoni mal-pagi tal-haddiema, allura, nistghu nghidu li diversi pajjizi huma attraenti ghall-investitur ghax il-prezz tax-xoghol hu baxx. Imma diversi pajjizi ohra, hafna drabi jattiraw investiment barrani ghax il-prezz tal-haddiema taghhom hu gholi. Dan ghax wiehed mill-kriterji li kemm-il darba jintuza fil-kisba ta' l-"origini tal-prodott" hu l-kriterju ta' *"value added"* (valur mizjud).

Jigifieri, li, ghal diversi prodotti, halli jkunu manifatturati 90% fil-Pakistan, kull ma jkun jinhtieg l-industrjalist hu, li jhallas biss 10% tal-produzzjoni fl-UE biex jikseb il-percentagg tal-prezz li jirrikjedu t-trattati biex jikseb origini Ewropea ghall-prodott tieghu, u cioè, jikseb il-libertà ekonomika biex ibigh minghajr dazji fil-pajjizi membri tal-UE.

Fi kliem iehor, jezistu kazi, fejn il-kriterju li jiddetermina l-origini huwa l-prezz tax-xoghol u mhux l-ammont ta' xoghol li sar fuq il-prodott. F'dawn il-kazi 90% tal-produzzjoni jkunu jammontaw biss ghal, per ezempju, 60% tal-prezz, u 10% tal-produzzjoni fl-Unjoni, tkun tammonta ghal 40% tal-prezz. Ghalhekk, l-ebda industrjalist, m'hu ser jaghzel biex jipproduci 100% fl-Unjoni – ghax inkella jigi gholi wisq. Allura jimmanipula l-prezzijiet b'mod li l-produzzjoni fl-Unjoni tkun tammonta ghal 40% tal-prezz tal-produzzjoni li bih ikun jista' jikseb origini Ewropea.

Fil-fatt, hafna kumpaniji, partikularment dawk li joperaw fuq skala internazzjonali, jaghzlu li jaghmlu l-maggoranza tal-produzzjoni f'pajjiz *"low cost"* tat-Tielet Dinja, u fl-ahhar jibbenifikaw minn dawk li jissejhu "regoli ta' origini preferenzjali" biex jiksbu l-"origini tal-prodott" fejn iridu huma. Hafna mill-pajjizi juzaw il-*"high cost"* tal-produzzjoni li joffru propju biex jattiraw investiment barrani. Jekk ahna ma naghmlux l-istess se nispiccaw fl-Unjoni u barra minnha!

Biex inkunu ghedna kollox, mhux dan l-uniku kriterju li jezisti biex wiehed jikseb origini. Fil-fatt dan il-kriterju jezisti fost ohrajn, fil-qasam tal-produzzjoni tas-settijiet tat-televizjoni u tat-tessuti (li f'Malta huma industrja mportanti). Li ghandu jigri minn issa 'l quddiem huwa li nharsu lejna nfusna fuq skala internazzjonali iktar minn qabel. Dan ghax jekk qabel stajna nharsu lejn l-Unjoni u nippruvaw inkunu kompettitivi maghha, issa, billi se nsiru membri, irridu nenfasizzaw iktar fuq is-suq internazzjonali – ghax wara kollox, l-Unjoni ma tfisser xejn hlief li tqeghidna ezattament fuq l-istess livell tal-pajjizi kollha l-ohra membri! Allura, mhux li hemm hafna lok minn fejn wiehed johrog. La, l-istess regoli u trattati li japplikaw ghalihom, japplikaw ghalina, irridu naraw kif se nkunu originali.

Hawn wiehed irid jaghmel analizi mhux biss tar-relazzjoni ta' "kumulazjoni totali" bejn pajjizi membri, imma tat-trattati li jezistu ma' dawk il-blokki li semmejt iktar 'il fuq.

L-origini Ewropeja ta' prodott tista' tinkiseb ukoll permezz ta' kriterju iehor – billi "l-ahhar operazzjoni sostanzjali" ("*last substantial operation*") issir f'pajjiz Ewropew. Hawnhekk il-kwistjoni hi aktar wahda ta' diversifikazzjoni tas-servizzi u processi li bihom wiehed jista' joffri lill-investitur barrani origini Ewropea billi jaghmilha gewwa pajjizna. Allura l-ekonomija Maltija ghandha tinkoraggixxi lill-Malta li toffri servizzi fil-manifattura li jistghu jkunu *"last and substantial"* u li, wara li l-prodott jigi Malta, jitlaq minn Malta bhala prodott gdid. Per ezempju, fil-kaz tad-drapp, il-fatt li taghtih kulur ma jirrizultax f'"*last substantial operation*" u jekk ikun "*Made in Taiwan*" se jibqa' "*Made in Taiwan*". Allura, biex jigi esportat lejn l-Unjoni, se jkollu jigi sottomess ghad-dazji ta' terzi pajjizi. Imma, jekk id-drapp ikun ghadu *"unbleached"* u wara jigi "ibblicjat" u jinghata l-kulur, allura jikseb il-"*Made in Malta*" u jkun jista' jinbiegh minghajr addizzjoni ta' dazji fis-swieq Ewropej.

Meta dan il-kriterju jigi applikat, il-pagi tal-haddiema huma sekondarji. Anzi, jekk il-process ta' diversifikazzjoni tal-prodott huwa wiehed semplici, u l-haddiema Maltin huma *"high cost"*, il-gvern ghandu jiehu l-inizjattiva li jattira kumpaniji barranin li lesti jhallsu prezz gholi biex jiksbu l-origini Maltija tal-prodott. Fil-fatt m'humiex il-pagi tal-haddiema li ghandhom relevanza hawnhekk, imma n-natura tax-xoghol li jsir minnhom.

Li l-*FOI* tigi tghidilna li l-pagi jridu jonqsu biex inkunu kompetittivi ghalija hija cajta! Cajta ta' min, jew irid igib skuza, jew ta' min ma jifhimx! Wahda minnhom! L-iktar l-iktar li wiehed jista' jghid hu, li l-pagi m'humiex direttament relatati mal-kompetittività tal-pajjiz. L-istadju tal-produzzjoni li joffri l-pajjiz u l-professjonalità tas-servizz huma ferm aktar importanti mil-livell tal-pagi.

Fl-artiklu tal-gimgha li gejja nkompli nelabora iktar dwar dan is-suggett. Sadattant, ahjar entitajiet bhalma huma l-"Korporazzjoni ta' l-Izvilupp" u l-"*MITTS*" jiddeciedu x'se jaghmlu bihom infushom, ghax hemm hafna xoghol xi jsir – jekk huma qeghdin jirrealizzaw biss biss li l-istrategija ekonomika ta' pajjizna trid tinbidel ma' shubija shiha! Imma sfortunatament lanqas biss jafu x'ser jigri minnhom ahseb u ara kemm ghandhom mohh jiltaqghu jiddiskutu dawn l-irqaqat! U l-investiment barrani ma jidhol qatt… emm… apparti xi la Salle!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*